**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 362/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**
**vs**
**Silvio Pace**

**Illum 26 t'Ottubru, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Silvio Pace (ID nru 477468M) ta' 48 sena, bin Joseph u Victoria nee' Pisani, imwieled Pieta' fil-21 ta' Novembru, 1968 u residenti Blk J, Flt 5, Triq Giovanni Barbara, Hamrun.

Akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-17 u t-18 ta' Lulju, 2017 minn gewwa razzett Nru 12 fi Triq il-Karmnu, Birzebbugia:

1. Ikkommetta serq ta' oggetti li l-valur taghhom jeccedi l-€232.94 izda ma jeccedix l-€2,329.37 ghad-detriment ta' Johan Farrugia minn Haz-Zabbar, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-valur u bil-hin;

Akkuzat ukoll talli fl-istess data u l-jem ta' wara f'dawn il-Gzejjer:

2. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Il-Qorti hija mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati tal-Magistrati (Malta), fosthom dik moghtija mill-Magistrat Dr. Neville Camilleri LL.D. nhar it-30 ta' Mejju, 2012 u dik moghtija mill-Magistrat Dr. Audrey Demicoli LL.D. nhar l-14 ta' Novembru, 2014.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 26 t'Ottubru, 2017.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid, fedina penali ta' l-imputat, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, stqarrija datata 19 ta' Lulju, 2017 immarkata bhala Dok JF1, sentenza datata 30 ta' Mejju, 2012 immarkata bhala Dok JF2, sentenza datata 14 ta' Novembru, 2014 immarkata bhala Dok JF3 u current incident report immarkata bhala Dok JF4.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghall-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u kif registrata fl-ewwel seduta quddiem din il-Qorti kif preseduta.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat u l-fatt li l-parte civile xehed illi thallas il-valur ta' l-oggetti misruqa minnu. Tqis ukoll li l-imputat ikkollabora mal-pulizija izda thoss li ghandha tinghata piena karcerarja f'dan il-kaz u dan anke peress li l-imputat jidher li hafna drabi nghata l-opportunita' li jirriforma ruhu u qatt ma ha dawn l-opportunitajiet.

**Decide:**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 263(a), 267, 270, 278(3) u 334(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda ssib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha kif migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal perjdou komplessiv ta' tmien (8) xhur prigunerija effettivi.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**